**16 ta' Mejju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

***versus***

**George Vigo**

**Ġudikat — Inseparabbilità Ġuridika — Preskrizzjoni — Art. 17(2) tal-Government Notice 234/1952.**

*L-espożizzjoni ta' oġġetti għall-bejgħ bla ma wieħed ikollu fil-pussess tiegħu l-"invoice" relattiv, skond ma tirrikjedi l-liġi rilevanti, hu fatt materjalment distingwibbli minn dak li wieħed jimmarka dawk l-oġġetti bi prezz eċċessiv. Bejn iż-żewġ reati ma hemmx unicità; għax bejn imputazzjoni waħda u oħra ma hemmx ness naturali jew ġuridiku, imma aċċidentali, in kwantu li kienet ħaġa li tiddependi mill-għemil tal-imputat, li, wara li espona l-oġġetti għall-bejgħ mingħajr ma kellu l-"invoice", immarkahom bi prezz eċċessiv.*

*Għaldaqstant, jekk l-imputat ġie kundannat għall-ewwel imputazzjoni, u wara fiġi mħarrek dwar l-imputazzjoni l-oħra, ma jistax jeċċepixxi b'suċċess il-ġudikat nazxenti mill-ewwel kundanna.*

*Għalkemm ir-reati previsti mill-imsemmija Notifikazzjoni tal-Gvern huma kwalifikati bħala kontravvenzjonijiet għall-fini tal-kompetenza, il-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali dwarhom hija però dik ta' sena.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli l-imsemmi Vigo, f'dawn ix-xhur, offra għall-bejgħ u mmarka l-prezz ta' mkatar 1s. 6d. minflok 1s. 1d il-wieħed, prezz ogħla minn dak li hu fissat mill-liġi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-11 ta' Diċembru 1958, li biha ġiet riġettata l-eċċezzjoni ta' difett ta' ġurisdizzjoni;

Rat is-sentenza l-oħra ta' dik il-Qorti tal-5 ta' Frar 1959, li biha rriġettat l-eċċezzjoni tal-ġudikat u dik tal-

preskrizzjoni, u sabet lill-imputat ħati talli offra għall-bejgħ, billi espona fil-ħanut tiegħu, imkatar immarkati bi prezz eċċessiv, u kkundannatu għall-multa ta' £6;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-5 ta' Frar 1959, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

**Ikkunsidrat;**

Kif jidher mill-istess rikors tal-appell, dan ma hux estiż anki għas-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-11 ta' Diċembru 1958 dwar l-eċċezzjoni ta' difett ta' ġurisdizzjoni; mhux biss għax din l-eċċezzjoni ma hijiex bl-ebda mod imsemmija fost l-aggravji, imma wkoll għax fil-kjuża tar-rikors tal-appell hemm imsemmija biss l-aħħar sentenza tal-5 ta' Frar 1959. Anki fid-dibattitu orali, ma saretx insistenza fuq din l-eċċezzjoni. Del resto, anki jekk, stante d-dispost tal-art. 658(1) kombinat mad-dispost tal-art. 427(4) Kap. 12, kellu jiġi ritenut bħala appellat anki d-deċiż bis-sentenza tal-11 ta' Diċembru 1958, jew jekk, stante li hi materja ta' organizzazzjoni ġudizzjarja, u kwindi ta' ordni publiku, ikun ritenut li inċident simili għandu jiġi riżolut indipendentement mill-insistenza tal-parti, ladarba jinsab "in actis", allura din il-Qorti taqbel mal-konsiderandi tal-Ewwel Qorti li wasslu għar-rejezzjoni ta' dik l-eċċezzjoni; u għalhekk tikkonferma s-sentenza relattiva;

Ikkunsidrat dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Din il-Qorti taqbel mal-ewwel waħda li si tratta ta' fatt materjalment distingwibbli, u li għalhekk hi applikabbli l-ġurisprudenza kontenuta fis-sentenza ta' din il-Qorti "Pulizija vs. Saliba", 28.2.1953. Il-każ "Rex vs. Rosaria Portelli", 23 ta' Frar 1904, ċitat mid-difiża fid-dibattitu, riportat fil-Vol. XIX-IV-1, ma hux applikabbli; għaliex f'dak il-każ il-fatt "fiżikament rigwardat" kien l-istess (xħit ta' platt taċ-ċaqquf li kkaġuna feriment), u għalhekk ma setgħetx il-Prosekuzzjoni, wara li ddeduċiet in

bażi għal dak il-fatt it-titolu ta' offiża ljevi, bil-konsegwenti kundanna tal-imputata, mbgħad tiddeduċi, dejjem in bażi għall-istess fatt, titolu aktar gravi, ċjoè ta' offiża ta' natura gravi; mentri f'dan il-każ l-espożizzjoni ta' mkatar għall-bejgħ bla ma l-imputat kien fil-pussess tal-"invoice" hu fatt "materjalment distingwibbli" mill-ieħor, li ċjoè hu mmarka dawk l-imkatar bi prezz eċċessiv. Lanqas hu l-każ li wieħed jgħid li hemm l-uniċità tar-reat in bażi għall-ġurisprudenza ("Rex vs. Degiorgio", 29.1.1037, Qorti. Krim. Kolleġjali); għaliex in-ness bejn imputazzjoni waħda u l-oħra ma hux "naturali jew ġuridiku" (kif inhu, per eżempju, f'każ ta' kalunnja u nġurja), imma "aċċidentali", in kwantu li kienet ħaġa li tiddependi mill-għemil tal-imputat li, wara li espona l-imkatar għall-bejgħ, minflok jimmarkahom bil-prezz sewwa, jagħmel fuqhom prezz eċċessiv;

Kwantu għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Anki din l-eċċezzjoni hi nfondata. L-imputat, biex isostniha, qiegħed jallega li hi applikabbli l-preskrizzjoni trimestrali, għaliex hu qiegħed jumpunja bħala "ultra vires" id-dispost tal-art. 17(2) tal-G.N. 234/1952, li bih ġie stabbilit, għall-finijiet tal-preskrizzjoni ta' dawn ir-reati, it-terminu ta' sena mill-kommissjoni tar-reat. Hu, però, oltremodo ovvju li jekk il-Gvernatur, bl-Att IV tal-1947, kellu, kif kellu, il-fakoltà li jikkrea delitti, hu kellu anki d-dritt li jistabbilixxi terminu preskrizzjonali itwal minn dak tal-kontravvenzjonijiet, sija pure għal dawk ir-reati li, non ostante li kienu punibbli bil-pieni tad-delitti, ġew dikjarati, għall-finijiet tal-kompetenza, bħala kontravvenzjonijiet. Meta l-Gvernatur iddikjara dawk ir-reati kontravvenzjonijiet, hu ma kien bl-ebda mod obligat li jestendi dak il-provvediment kompetenzjali anki għall-preskrizzjoni, u l-provvediment stabbilenti preskrizzjoni itwal kien kompriż fil-fakoltà li jikkrea delitti;

Kwantu għall-meritu, dan hu ammess;

Għalhekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.